II

*(Atti mhux leġiżlattivi)*

# FTEHIMIET INTERNAZZJONALI

## DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

## tal-11 ta' Diċembru 2012

## li tapprova l-konklużjoni, mill-Kummissjoni Ewropea, tal-Ftehim dwar kooperazzjoni xjentifika u teknoloġika bejn il-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, minn naħa waħda, u l-Konfederazzjoni Svizzera, min-naħa l-oħra, li jassoċja l-Konfederazzjoni Svizzera mal-Programm Qafas tal-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika għar-riċerka nukleari u attivitajiet ta' taħriġ (2012-2013)

(2013/4/Euratom)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, u b'mod partikolari t-tieni paragrafu tal-Artikolu 101 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) Il-Kummissjoni Ewropea, f'konformità mad-Direttivi mill-Kunsill, innegozjat Ftehim dwar kooperazzjoni xjentifika u teknoloġika bejn il-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, minn naħa waħda, u l-Konfederazzjoni Svizzera, min-naħa l-oħra, li jassoċja l-Konfederazzjoni Svizzera mal-Programm Qafas tal-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika għar-riċerka nukleari u attivitajiet ta' taħriġ (2012-2013) ("il-Ftehim").

(2) Il-konklużjoni, mill-Kummissjoni Ewropea, tal-Ftehim għandha tiġi approvata,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu Uniku*

Il-konklużjoni mill-Kummissjoni Ewropea tal-Ftehim dwar kooperazzjoni xjentifika u teknoloġika bejn il-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, minn naħa waħda, u l-Konfederazzjoni Svizzera, min-naħa l-oħra, li jassoċja l-Konfederazzjoni Svizzera mal-Programm Qafas tal-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika għar-riċerka nukleari u attivitajiet ta' taħriġ (2012-2013) hija b'dan approvata.

Id-Dikjarazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea f'isem il-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, magħmula mir-rappreżentant tal-Kummissjoni Ewropea hekk kif jiġi konkluż il-Ftehim, li tinsab fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni, hija b'dan approvata.

It-test tal-Ftehim huwa mehmuż ma' din id-Deċiżjoni.

Magħmul fi Brussell, il-11 ta' Diċembru 2012.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

A. D. MAVROYIANNIS

*ANNESS*

**Dikjarazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea f'isem il-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika**

Ir-rappreżentanti tal-Konfederazzjoni Svizzera talbu lill-Kummissjoni Ewropea biex tikkonferma li l-ammont totali ta' kontribuzzjonijiet mistennija mill-Konfederazzjoni Svizzera għas-sena 2012 fir-rigward tal-attivitajiet kollha ta' riċerka tal-Euratom mhux se jeċċedi CHF 55 miljun.

Il-Kummissjoni Ewropea tikkonferma li abbażi tad-dejta statistika rilevanti u wara li kkunsidrat il-fatturi ta' proporzjonalità li jirregolaw il-kalkolu tal-kontribuzzjonijiet mistennija mill-Konfederazzjoni Svizzera għas-sena 2012 fir-rigward tal-attivitajiet kollha ta' riċerka tal-Euratom, inklużi dawk li saru qabel il-konklużjoni ta' dan il-Ftehim, l-ammont totali pagabbli mill-Konfederazzjoni Svizzera għas-sena 2012 mhux se jeċċedi CHF 55 miljun.